**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 22 ta' Novembru , 2018

Rikors Nru : 166/18 AL

**AB**
**Vs**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li *in forza* tiegħu, wara li ppremetta :

1 Illi l-partijiet izzewgu fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Frar tas-sena elfejn (2000) (Ara Dok A anness) u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal;
2 Illi l-partijiet gew debitament awtorizzati jghaddu ghall-kuntratt ta' separazzjoni (Ara Dok B anness) in forza ta' Digriet

moghti mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni Familja) datat il-hmistax (15) ta' Gunju tas-sena elfejn u tnax (2012);

3 Illi l-partijiet ilhom erbgha (4) snin *de facto* separati;

4 Illi m`hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom sitt snin ma jghixux flimkien, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin ;

5. Illi skond il-kuntratt ta' separazzjoni ( klawsola 5, pagna 6) il-partijiet iddekadew definittivament mid-dritt illi jesigu manteniment minghand xulxin;

6. Illi skond il-kuntratt ta' separazzjoni (klawsola 3(J)) ir-rikorrenti ghadu jmantni lil bintu Julia Megan u l-ebda manteniment ma huwa dovut lill-mara.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-ligijiet ta' Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex li din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejnet il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registu Pubbliku bill-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-6 ta' April, 2018;

Rat illi l-intimata debitament notifikata ma dehritx u ma pprezentatx risposta ;

Rat l-atti kollha;

Rat l-artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-22 ta’ Gunju 2012 u ilhom de facto separati ghal aktar minn erba’ (4) snin;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.